MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 15 ta' Gunju 2018**

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Giorgi Kapanadze**
**(Passaport Giorgian bin-numru 16AB82061)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Giorgi Kapanadze** talli fil-15 ta' Gunju, 2018 u fil-perjodu ta' qabel din id-data ffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaport, jew uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi passaport, li hu kien jaf li ġie ffalsifikat, mibdul jew sar xi tibdil fih f'isem Giorgi Kapanadze bin-numri 16AB82061 rispettivament (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

Akkuzat ukoll talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument fuq imsemmi (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

Akkuzat ukoll talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika xi dokument jew kopja vera ta' dokumenti jew reġistrazzjonijiet magħmul skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pozizzjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi dwar il-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fatt li kkopera mal-Pulizija u wkoll illi l-Ufficjal Prosekutur spjega illi l-imputat se jigi ripatrijat gewwa l-Georgja minnufih f'kaz li l-Qorti joghgobha tinfliggi piena ta' sentenza sospiza.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, artikolu 5 tal-Kapitolu 61, u artikolu 32 (1) (d) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Giorgi Kapanadze** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal piena ta' sena (1) priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tigi sospiża għall-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien sentejn (2) mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur